MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 807/2014

**Smart Office Supplies Limited**
**C 28937**
**Vs**

**Neriku Confectionary Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 ta' Dicembru, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet illi s-socjeta intimata ghandha thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' hames mija u tmintax-il ewro u tletin centezmu (€518.30) rapprezentanti l-prezz bilancjali ta' merkanzija konsistenti fi stationary items lilha mibjugha u 'kkonsenjati.

Illi s-socjeta' intimata giet interpellata diversi drabi izda baqghet inadempjanti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tal-10 ta' Ottubru, 2014, bl-imghax legali dekorribli mit-23 t'April, 2014 u bl-ingunzjoni tas-socjeta' intimata in subizzjoni.

Illi wara li giet debitament notifikata is-socjeta' konvenuta giet prezentata nota ta' cessjoni ghall-ammont mitlub u cioe s-sorte filwaqt illi izomm ferm id-dritt tal-ispejjez gudizzjarji.

Gie pprezentat kapitolu u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

It-Tribunal ghalhekk jikkundana s-socjeta' konvenuta sabiex thallas l-ispejjez tal-kawza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------